# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Qawsalla ta' Kuluri**

**Lezzjoni 2.5: Alla Missier tagħna lkoll**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

a) Jagħrfu li Alla hu Missier tagħna.

b) Japprezzaw il-fatt li Alla jgħaqqadna flimkien bħala familja waħda.

c) Jisimgħu l-istorja tal-Iben li telaq mid-dar (L-Iben il-Ħali).

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Powerpoint – Stampa ta' tifel jibki, stampa ta' Bibbja
- Klipp jisimha: The Prodigal Son
- Diska: God is so Good
- Karta' ta' Taħriġ: 2.3

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Uri l-istampa minn fuq il-*Powerpoint* ta' klassi u staqsi lit-tfal kif jistgħu jiddeskrivu l-istampa.
- Asal għall-punt li l-grupp tal-klassi flimkien mal-għalliema, hija wkoll il-familja tagħna. L-għalliema qisha ommna jew missierna u magħqudin flimkien nistgħu nimxu 'l quddiem.
- Spjega kif Ġesú kellu lil Missieru tas-sema li huwa Missier tagħna lkoll u allura m'Alla l-Missier, ma' Ġesú u bejnietna aħna nagħmlu familja waħda.

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



- Uri l-istampa ta' tifel qed jibki minn fuq il-*Powerpoint* u stieden lit-tfal jiddiskutu fuq dak li qed jaraw.
- Staqsi lit-tfal x'jaħsbu li ġara.
- Għaliex dan it-tifel qiegħed jibki? Xi risposti jistgħu jkunu: forsi ntilef u ma jistax isib lil ommu, għamel xi ħaġa u qed jiddispjeċih, eċċ.
- Uri l-ktieb jew l-istampa tal-Bibbja u spjega kif dan il-ktieb jirrakkonta stejjer, imma stejjer speċjali dwar Ġesu' u kif illum ser nisimgħu storja minn dan il-ktieb.
  - Agħti fil-qosor l-istorja tal-Iben il-Ħali u uri l-video clip mir-riżorsi.

- Wara il-video clip enfasizza l-punt li l-missier ifakkarna fil-Missier tagħna tas-sema li jħobbna tassew u lest biex jaħfrilna.
- Iftaħ il-ktieb tal-Attivitajiet 2.3 u spjega lit-tfal xi tfisser it-tpenġija li għandhom. Din hija kanzunetta mibnija fuq il-melodija ta' Frere Jacques u turi l-imħabba li Alla għandu għalina.
- Għat-tmiem tal-lezzjoni semma d-diska: *God is so Good* mir-riżorsi, li t-tfal għandhom jiftakru mil-lezzjoni ta' qabel.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Aħna familja waħda.
2. Fil-familja kulħadd iħobb lil kulħadd.
3. Miskin l-Iben, telaq 'il bogħod minn dar Missieru.
4. Il-Missierna tas-sema huwa Missier kulħadd.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




- Missierna mhu ser jinsina qatt.
- Ma nkunux rasna iebsa u nagħmlu biss dak li rridu aħna.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Id-diska: *God is so Good* mir-riżorsi
- Vidjow Klipp: *The Prodigal Son*



**Nitolbu**

Mulej, għinna biex dejjem nibqgħu nħobbuk.

